PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Kumitat għall-Affarijiet Legali

PROGRAMM

Seduta ta' Smigħ Pubblika Konġunta

LIBE u JURI

dwar

Koperazzjoni tal-Liġi Ċivili Ewropea
- L-obbligi tal-manteniment
- Id-divorzju u s-separazzjoni legali

It-Tlieta, 11 ta' Settembru 2007

10:00 – 12:30
15:00 – 18:30

Bini Paul-Henri Spaak (PHS) - Sala 5B001

Brussell

PARTI I

L-OBBLIGI TAL-MANTENIMENT

DAĦLA

Xi ħaġa li bħalissa tinsab nieqsa fl-Unjoni Ewropea hija sistema komuni armonizzata ta' rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjonijiet ta' manteniment. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew f'Tampere diġà kienu talbu sabiex ikunu stabbiliti regoli proċedurali komuni speċjali sabiex jiġi simplifikat u mgħaġġel il-proċess ta' lħuq ta' ftehim ta' kunflitti transkonfinali marbuta ma' l-obbligi tal-manteniment u talbu għat-tneħħija ta' miżuri intermedji meħtieġa għar-rikonoxximent u l-infurzar fi Stat Membru wieħed ta' sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor. Ukoll il-Programm ta' rikonoxximent reċiproku fi Kwistjonijiet Ċivili tat-30 ta' Novembru 2000[1], jitlob fi kliem ieħor għall-eliminazzjoni tal-proċedura *exequator* fi kwistjonijiet relatati ma' l-obbligi tal-manteniment. Ir-rilevanza ta' dan il-programm kienet rijaffermata mill-Kunsill Ewropew f'Novembru 2004 bil-'Programm ta' l-Aja' segwit mill-Pjan ta' Azzjoni komuni li jittraduċi l-programm ta' l-Aja f'azzjonijiet konkreti u li jsemmi 'l-obbligi tal-manteniment' bħala waħda mill-kwistjonijiet. Għaldaqstant, fil-15 ta' Diċembru 2005 il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal regolament dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u koperazzjoni fi kwistjonijiet relatati ma' l-obbligi tal-manteniment[2].

L-għan ewlieni tal-proposta huwa li jiġu eliminati l-ostakli legali li jwaqqfu l-irkupru tal-manteniment minn ċittadin li joqgħod fi Stat Membru ieħor. Ir-regolament qiegħed jimmira lejn l-irkupru ta' malajr u (b'mod ġenerali) mingħajr ħlas tal-manteniment. Bil-kisba tas-suq intern, iċ-ċaqliq transkonfinali ta' persuni żdied b'mod konsiderevoli – u miegħu – il-problemi li huma responsabbli milli jassaltaw lill-partners ta' l-emigranti, b'mod partikolari fl-Istati Membri ġodda, li ċ-ċittadini tagħhom igawdu d-drittijiet ta' moviment ħieles ta' persuni. Fl-istess ħin, id-divorzju u s-separazzjoni legali kulma jmur qegħdin jiżdiedu ma' l-Unjoni kollha.

Fit-tħejjija tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-abbozz tar-regolament, ix-xogħol tal-Konferenza ta' l-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata qiegħed jitħares b'attenzjoni u d-dispożizzjonijiet tiegħu għandhom ikunu konsistenti u paralleli għat-test ta' l-UE. Madankollu, ir-rapporteurs iridu jenfasizzaw il-fatt li fl-istess ħin, fl-opinjoni tagħhom, l-UE teħtieġ regolament tagħha stess dwar din il-kwistjoni. Minħabba l-firxa tal-problemi dwar l-irkupru ta' l-obbligi tal-manteniment u t-tendenza tiegħu li jiżdied, jidher biċ-ċar li l-UE tesiġi mekkaniżmu sabiex tindirizza dawn il-problemi kif jixraq b'mod effiċjenti.

Il-proposta tissodisfa esiġenza reali tas-soċjetà moderna fosthom it-titjib tal-pożizzjoni ta' kredituri ta' mantenimenti, li l-ewwel u qabel kollox huma tfal. L-għadd li kulma jmur qiegħed jikber ta' koppji li qegħdin jisseparaw flimkien mal-mobilità li kulma jmur qiegħda tiżdied fl-Unjoni Ewropea, b'mod inevitabbli jfissru iktar u iktar kunflitti transkonfinali relatati ma' klejms għall-mantenimenti. Għaldaqstant, irkupru iktar effiċjenti ta' klejms għall-

[1] ĠU C 12 tal-15 ta' Jannar 2001.
[2] COM(2005) 649 finali.

mantenimenti se jtejjeb il-kondizzjonijiet ta' l-għajxien u ta' l-edukazzjoni ta' bosta tfal. Il-proposta se tħaffef il-proċess li bih il-kreditur tal-manteniment iressaq il-klejm tiegħu quddiem Qorti kompetenti. Meta d-deċiżjoni tittieħed, jittieħdu miżuri sabiex ikun żgurat li tiġi rikonoxxuta b'mod awtomatiku fl-Istati Membri kollha mingħajr il-ħtieġa ta' ebda formalità oħra. Id-differenza kbira hi li issa l-kreditur tal-manteniment se jibbenefika mill-għajnuna tar-Regolament ġdid hu u jikklejmja d-drittijiet ta' ċittadin.

10:00 - 10:25
SEDUTA TAL-FTUĦ

- **Is-Sur Jean-Marie CAVADA**, Chairperson tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament Ewropew (5 minuti)

- **Is-Sinjura Genowefa GRABOWSKA**, rapporteur dwar l-obbligi tal-manteniment (10 minuti)

- **Is-Sinjura Diana WALLIS**, rapporteur għal opinjoni dwar l-obbligi tal-manteniment (10 minuti)

10:25 - 11:35
SEDUTA I

IS-SITWAZZJONI KURRENTI

Din l-ewwel seduta għandha l-għan li tippreżenta s-sitwazzjoni kurrenti dwar l-obbligi tal-manteniment minn perspettiva legali. Hija tittratta mistoqsijiet bħal: X'inhu l-iskop tal-proposta għar-regolament dwar l-obbligi tal-manteniment u x'inhuma d-dispożizzjonijiet ewlenin tagħha? L-abbozz tar-regolament kif jirrelata mal-qafas tal-Konferenza ta' l-Aja, x'inhuma l-punti paralleli tagħhom u fejn huma differenti minn xulxin?

Qafas legali

Preżentazzjoni tas-**Sinjura Karen VANDEKERCKHOVE,** rappreżentanta tal-Kummissjoni Ewropea, dwar ***l-iktar elementi importanti tal-proposta*** (10 min.)

Preżentazzjoni tas-**Sur Paulo GUERRA,** Chairperson tal-Kumitat tal-Kwistjonijiet tal-Liġi Ċivili (obbligi ta' manteniment) tal-Kunsill**, dwar *is-sitwazzjoni kurrenti fil-Kunsill u l-iżvilupp mistennija*(10 min.)**

Preżentazzjoni mis-**Sur Joaquin BAYO DELGADO, Assistent-Kontrollur tal-Protezzjoni tad-Dejta Ewropea**, dwar ***il-ħarsien tad-dejta personali fl-iskambji ta' informazzjoni għall-obbligi ta' manteniment*** (10 minuti)

Preżentazzjoni mill-**Professur William DUNCAN** tal-Konferenza ta' l-Aja tal-Liġi Internazzjonali Privata dwar l-***iżviluppi fil-qafas tal-Konferenza ta' l-Aja*** (10 minuti.)

Preżentazzjoni mill-**Professur Stefania BARIATTI** (l-Università ta' Milan) dwar ***ir-relazzjoni bejn il-proposta dwar l-obbligi tal-manteniment u x-xogħol li sar fil-qafas tal-Konferenza ta' l-Aja tal-Liġi Internazzjonali Privata*** (10 minuti)

Diskussjoni (20 minuta)

11:35 - 12:30
SEDUTA II

IS-SITWAZZJONI PRATTIKA

Is-Seduta II se tiffoka fuq is-sitwazzjoni prattika b'rabta ma' l-obbligi tal-manteniment. Il-klejms ta' l-obbligi tal-manteniment, sfortunament, f'ħafna każijiet ma jkunux esegwiti. Il-persuni dovuti li jħallsu l-manteniment xi drabi jidher li jagħmlu minn kollox sabiex jevitaw il-ħlas. Min-naħa l-oħra, il-krediturі sikwit ikunu qegħdin jgħixu f'kundizzjonijiet ħżiena ħafna u ma jkollhomx biżżejjed flus għall-għixien. Dawn il-problemi huma aktar diffiċli li tinstab soluzzjoni għalihom meta d-debitur ikun jgħix barra mill-pajjiż.

Preżentazzjoni minn **Ms Beate MIRSKA,** rappreżentanta ta' NGO Pollakka li taħdem fuq klejms ta' l-obbligi ta' manteniment, dwar ***problemi prattiċi rigward l-obbligi tal-manteniment*** (10 minuti)

Preżentazzjoni mis-**Sra Anna SZUL-SZYWALA,** avukat li tirrappreżenta persuni bi ***problemi ta' rkupru ta' l-obbligi tal-manteniment*** (10 minuti)

Preżentazzjoni mis-**Sur Andrea WOELKE,** rappreżentant tal-"Law Society of England and Wales", u Membru Anzjan ta' "Resolution", Londra (10 minuti)

Diskussjoni (25 minuta)

12:30 - 15:00 waqfa għall-ikla ta' nofsinhar

PARTI II

ID-DIVORZJU U S-SEPARAZZJONI LEGALI

DAĦLA

Il-mobilità li kulma jmur qiegħda tiżdied taċ-ċittadini fi ħdan l-Unjoni Ewropea rriżultat f'għadd dejjem akbar ta' żwiġijiet "internazzjonali" fejn il-konjuġi jkollhom ċittadinanza differenti jew jgħixu fi Stati Membri differenti jew jgħixu fi Stat Membru li m'humiex ċittadini tiegħu. Fil-każ meta koppja "internazzjonali" tiddeċiedi li tiddivorzja, jistgħu jkunu invokati bosta liġijiet.

S'issa, koppja "internazzjonali" li tixtieq tiddivorzja hija suġġetta għar-regoli ta' ġurisdizzjoni tar-Regolament (KE) Nru. 2201/2003 (magħruf bħala 'Brussell II(a)' jew 'Brussell II bis'), li jgħid li l-konjuġi jistgħu jagħżlu fost bosta kriterji differenti ta' ġurisdizzjoni. Meta l-proċeduri tad-divorzju jitressqu quddiem il-Qrati ta' Stat Membru, il-liġi applikabbli tiġi determinata minn regoli nazzjonali dwar il-konflitt tal-liġi. Hemm diversità kbira bejn dawn ir-regoli nazzjonali.

Sabiex tkun evitata din l-inċertezza u dan in-nuqqas ta' previżjoni legali, kif ukoll "l-għaġla kbira għall-Qorti", il-Kummissjoni Ewropea ħarġet bi proposta sabiex tikkumpensa dawk in-nuqqasijiet, fost l-oħrajn billi tistabbilixxi l-għażla għall-partijiet li jagħżlu l-Qorti u l-liġi applikabbli permezz ta' ftehim reċiproku.

L-opportunità li jingħażlu l-Qorti u l-liġi applikabbli ovvjament twassal għal iktar effiċjenza u benefiċċji għall-konjuġi li jistgħu jilħqu ftehim dwarha. Madankollu, din tista' ġġib magħha xi konsegwenzi negattivi, b'mod partikolari għall-"partijiet vulnerabbli". Is-seminar jeżamina l-kwistjoni dwar kif ikun żgurat li ż-żewġ partijiet ikunu konxji għalkollox tal-konsegwenzi ta' l-għażla tagħhom tal-Qorti u tal-liġi applikabbli.

Barra minn hekk, għandhom jingħataw attenzjoni partikolari sitwazzjonijiet fejn ma jkun intlaħaq ebda ftehim bejn il-konjuġi. F'dan ir-rigward, is-seminar jiffoka fuq kriterji għall-għażla tal-liġi applikabbli fl-assenza ta' ftehim.

Ir-Regolament 'Brussell II(a)' jipprovdi għal rikonoxximent preżunt ta' kull sentenza mogħtija fi Stat Membru. Madankollu, hemm bosta bażijiet ta' nuqqas ta' rikonoxximent previsti f'dan ir-Regolament. Waħda minnhom, li tissemma wkoll fil-proposta l-ġdida, hija l-klawżola tal-politika pubblika. Is-seminar jittratta xi ftit l-irwol ta' din il-klawżola tal-politika pubblika fi proċeduri ta' divorzju u ta' separazzjoni legali.

15:00 - 15:20
SEDUTA TAL-FTUĦ

- Is-Sinjura Evelyne GEBHARDT, rapporteur dwar id-divorzju u s-separazzjoni legali (10 minuti)

- Is-Sur Carlo CASINI, rapporteur għal opinjoni dwar id-divorzju u s-separazzjoni legali (10 minuti)

15:20 - 15:55

SEDUTA III

IS-SITWAZZJONI KURRENTI

Din is-seduta tiffoka fuq in-nuqqasijiet tas-sitwazzjoni kurrenti fi kwistjonijiet matrimonjali u s-soluzzjonijiet possibbli offruti mill-proposta.

Barra minn hekk, ser jissemmew problemi legali speċifiċi, b'mod partikulari l-eżaminazzjoni ta' sitwazzjonijiet fejn m'hemmx qbil bejn il-partijiet li jixtiequ d-divorzju. Il-prinċipju tal-proposta huwa li tiżgura li jkun hemm konnessjoni mill-qrib bejn iż-żewġ partijiet u l-ġurisdizzjoni u l-liġi applikabbli. Is-seduta għandha l-għan li tiddiskuti kif tista' tkun iggarantita din il-konnessjoni, filwaqt li jinżammu l-flessibilità neċessarja u l-aċċess għall-Qorti. Il-kriterji għandhom ikunu alternattivi jew ġerarkiki? Jekk ġerarkiki, f'liema ordni għandhom jitniżżlu?

Filwaqt li tqis id-differenzi ta' sistemi legali differenti, kif ukoll it-tradizzjonijiet differenti, il-proposta tipprovdi għal klawżola ta' politika pubblika. Din is-seduta teżamina l-irwol tal-klawżola tal-politika pubblika fil-qafas tal-ħolqien progressiv ta' zona komuni ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

Preżentazzjoni mis-**Sur Olivier TELL,** rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea, dwar ***l-iktar elementi importanti tal-proposta*** (10 minuti.)

Preżentazzjoni tas-**Sinjura Helena BOLIEIRO,** Chairperson tal-Kumitat dwar Kwistjonijiet tal-Liġi Ċivili (Rome III) tal-Kunsill**, dwar *is-sitwazzjoni kurrenti fil-Kunsill u l-iżvilupp mistennija*(10 min.)**

Preżentazzjoni tal-**Professur Bruno NASCIMBENE,** (Università ta' Milan), dwar ***il-kriterji għall–għażla ta' liġi applikabbli u l-qorti kompetenti*** (10 minuti)

Preżentazzjoni mill-**Professur Stefania BARIATTI** (l-Università ta' Milan) dwar ***analiżi komparattiva taż-żewġ proposti dwar l-obbligi tal-manteniment u dwar id-divorzju u s-separazzjoni legali*** (10 minuti)

Diskussjoni (30 minuta)

16:30 - 17:30
SEDUTA IV

APPLIKABILITÀ PRATTIKA

Il-proposta tagħti lill-partijiet possibiltà limitata li jagħżlu ġurisdizzjoni u liġi applikabbli. Madankollu, hija ħaġa importanti li jkun żgurat li ma jkun hemm ebda abbuż minn din il-possibiltà ta' għażla. Is-seduta tiffoka fuq is-salvagwardji possibbli li jistgħu jiddaħħlu sabiex jitħarsu "konjuġi iktar dgħajfa" mill-abbuż.

Il-proposta dwar kwistjonijiet ta' divorzju hija marbuta mill-qrib mal-proposta dwar l-obbligi

tal-manteniment. Għaldaqstant, fi tmiem din is-seduta se jkun hemm analiżi komparattiva fil-qosor taż-żewġ proposti.

Preżentazzjoni mill-**Professur Dr. Katharina BOELE-WOELKI**, UCERF, ta' l-Istitut Molengraaff għal-Liġi Privata, dwar ***kif ikun żgurat li ż-żewġ partijiet ikunu konxji b'mod sħiħ mill-konsegwenzi ta' l-għażla tagħhom tal-liġi applikabbli u tal-Qorti kompetenti*** (10 minuti)

Preżentazzjoni minn **Dr Matteo BONINI BARALDI**, Università ta' Bologna, dwar ***l-irwol tal-klawżola tal-politika pubblika b'relazzjoni mal-proċeduri li jirrigwardaw id-divorzju u s-separazzjoni legali*** (10 minuti)

Preżentazzjoni mill-**Professur Stefania BARIATTI,** Università ta' Milan, dwar ***l-impatt tad-divorzju fuq oqsma oħra tal-liġi*** (10 minuti)

Diskussjoni (30 minuta)

17:30 - 18:30
SEDUTA V

TAĦRIĠ ĠUDIZZJALI

Din is-seduta se tittratta kwistjonijiet dwar kif għandha titqajjem il-kuxjenza tan-nies (jiġifieri prattikanti, imħallfin) dwar id-drittijiet tagħhom sabiex l-istrumenti jsiru iktar effiċjenti u dwar jekk in-netwerk tat-Taħriġ Ġudizzjali Ewropew jistax jissodisfa rwol minħabba li huwa ewlieni fil-provvista ta' opportunitajiet ta' taħriġ għall-avukati fl-UE.

Preżentazzjoni mis-**Sra Benedetta VERMIGLIO, Koordinatriċi ta' l-iskambji bejn l-għalliema u l-istituzzjonijiet tat-taħriġ fi ħdan il-Netwerk tat-Taħriġ Ġudizzjali Ewropew** (10 minuti)

Diskussjoni (30 minuta)

Konklużjonijiet mir-rapporteurs (20 minuti)

ANNESS

PRACTICAL GUIDELINES FOR THE DEBATE

The floor will be given to Members in the order in which requests are received. Speakers wishing to supplement their speeches may do so in writing by submitting documents (preferably in English or French) in advance to the secretariat (email: ip-libe@europarl.europa.eu).These documents will be circulated during the meeting.

IMPORTANT NOTICE FOR THOSE WISHING TO ATTEND THE HEARING

This seminar is open to the public. However, for security reasons, participants who do not have a European Parliament access badge must obtain a pass in advance. Those wishing to obtain such a pass should contact the seminar secretariat (ip-libe@europarl.europa.eu) by 6 September. It is essential to provide us with your full name, address and date of birth. Without this information, the Security Service will not provide entry passes.

Simultaneous interpretation will be available in the following languages : EN, FR, DE, IT, NL, ES, HU, EL, PT, RO, SV, PL

Seminar Secretariat	Telephone	Address	E-mail address
LIBE **Agita SERZANE** ***Administrator (divorce and legal separation)***	**+32.2.283.23.81**	European Parliament Rue Wiertz 60 - RMD 1J044 B-1047 Brussels	**ip-libe@europarl.europa.eu**
Anita BULTENA ***Administrator (maintenance obligations)***	**+32.2.284.25.32**	European Parliament Rue Wiertz 60 -RMD 01J024 B-1047 Brussels	
JURI **Robert BRAY** ***Administrator (maintenance obligations)***	**+32.2.284.63.37**	European Parliament Rue Wiertz 60 -RMD 02J034 B-1047 Brussels	**ip-juri@europarl.europa.eu**
Andrea SCRIMALI ***Administrator (divorce and legal separation)***	**+32.2.284.43.66**	European Parliament Rue Wiertz 60 -RMD 02J014 B-1047 Brussels	
Ryszard DE GROOT *Assistant LIBE*	**+32.2.284.07.95**	European Parliament Rue Wiertz 60 -RMD 1J036 1047 Brussels	**ip-libe@europarl.europa.eu**
Anne DE CONINCK *Assistant LIBE*	**+32.2.284.21.79**	European Parliament Rue Wiertz 60 -RMD 1J026 1047 Brussels	
Najat MOUSSAOUI *Assistant JURI*	**+32.2.284.06.69**	European Parliament Rue Wiertz 60 -RMD 2J022 1047 Brussels	**ip-juri@europarl.europa.eu**
Barbara ASSI *Assistant JURI*	**+32.2.284.09.96**	European Parliament Rue Wiertz 60 -RMD 2J038 1047 Brussels	